

# Sir af aktar dwar l-effetti tas-sustanzi kimiċi li nużaw fl-Ewropa

Issa huwa aktar faċli li ssib tagħrif dwar il-120 000 sustanza kimika li qegħdin jintużaw fl-Ewropa llum il-ġurnata.

**Helsinki, l-20 ta' Janjar 2016** – Issa hemm mod ġdid u aktar faċli kif issir taf dwar is-sustanzi kimiċi li nużaw fuq bażi ta' kuljum. L-informazzjoni hija disponibbli fi tliet livelli ta' kumplessità: l-inforcard sempliċi, il-profil qasir aktar dettaljat u d-dejta sħiħa fis-sors.

L-**inforcard** tagħti sommarju tat-tagħrif ewlieni dwar sustanza kimika b'Ingliż sempliċi. L-utenti jistgħu jaqraw dwar is-sustanzi kimiċi li huma esposti għalihom, fejn jintużaw b'mod komuni, jekk humiex perikolużi u l-prekawzjonijiet li jista' jkun ikollhom b'zonn jieħdu.

Il-**profil qasir** jidħol aktar fil-fond fir-rigward tal-proprjetajiet ambjentali, tas-saħħa tal-bniedem u fiżiko-kimiċi tas-sustanza kimika. Huwa jipprovdi ħarsa ġenerali faċli għall-utent lejn it-tagħrif li nġabar għal kull sustanza skont ir-regolamenti differenti dwar is-sustanzi kimiċi. Dan ser ikun utli l-aktar għal dawk li jħaddmu, għall-ħaddiema, għall-akkademiċi u għar-regolaturi.

It-tielet livell, **id-dejta mis-sors**, jinkludi d-dejta mhux ipproċessata sottomessa minn kumpaniji lill-ECHA fid-dossiers tar-reġistrazzjoni ta' REACH u notifiki lill-inventarju tat-tikkettar u tal-klassifikazzjoni.

Id-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA *Geert Dancet* jgħid: "L-ECHA qiegħda timxi mill-ġbir tat-tagħrif għal li tagħmel użu ferm aħjar minnu għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għar-regolaturi madwar id-dinja. Din it-tnedija hija pass importanti lejn sustanzi kimiċi aktar sikuri sal-2020 u kontribut mill-aqwa mill-UE lejn il-miri tas-Summit Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli stabbiliti fl-2002."

Dan l-approċċ fuq tliet livelli jtejjeb it-trasparenza u t-traċċabbiltà tad-dejta dwar is-sustanzi kimiċi. L-ECHA mhijiex qiegħda tnaqqas l-ammont ta' tagħrif, iżżid jew tapprova d-dejta miġbura, iżda sempliċiment tagħmilha aktar aċċessibbli.

## Sfond

L-ECHA tamministra waħda mill-akbar databases regolatorji tad-dinja dwar is-sustanzi kimiċi. Hija tikkombina t-tagħrif mid-dossiers tar-reġistrazzjoni ta' REACH u n-notifiki dwar it-tikkettar u l-klassifikazzjoni mill-industrija mat-tagħrif miġbur mill-Istati Membri tal-UE u mir-regolaturi permezz ta' evalwazzjoni tas-sustanzi u ġestjoni regolatorja tar-riskji (bħal klassifikazzjoni u tikkettar armonizzati, awtorizzazzjoni u restrizzjoni).

Id-database toffri, pereżempju, tagħrif dwar

- Il-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' 120 000 sustanza kimika
- Il-perikli u l-użu mingħajr periklu ta' 14 000 sustanza kimika rreġistrati skont ir-

- Regolament REACH;
- 2 miljun sommarju ta' studji dwar il-proprjetajiet u l-effetti tas-sustanzi kimiċi;
- 168 sustanza kimika elenkati bħala li huma ta' tħassib għoli ħafna; u
- 64 sustanza kimika li l-użu għalihom ġie ristrett fl-UE.

Għall-bijoċidi, l-ECHA tippubblika tagħrif dwar sustanzi attivi, prodotti bijoċidali kif ukoll lista ta' fornituri ta' prodotti u sustanzi attivi. L-istatistika dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi perikolużi li huma rregolati skont ir-Regolament dwar il-Kunsens Infurmat minn Qabel (Prior Informed Consent -PIC) hija disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-ECHA.

## **Aktar tagħrif**

Tagħrif dwar is-sustanzi kimiċi

<http://echa.europa.eu/information-on-chemicals>

X'inhi InfoCard? (PDF)

[http://echa.europa.eu/documents/10162/22177693/what\\_is\\_an\\_infocard\\_en.pdf](http://echa.europa.eu/documents/10162/22177693/what_is_an_infocard_en.pdf)

InfoCard – kartolina

[http://newsletter.echa.europa.eu/documents/6362380/21817921/infocard\\_bp\\_postcard.pdf](http://newsletter.echa.europa.eu/documents/6362380/21817921/infocard_bp_postcard.pdf)

Materjal ta' sfond għall-mezzi tax-xandir

<http://echa.europa.eu/press/press-material/info-on-chemicals>

InfoCards ġodda dwar is-sustanzi - tagħrif aktar siewi u trasparenti dwar is-sustanzi kimiċi, Newsletter tal-ECHA 5/2015

[http://newsletter.echa.europa.eu/home/-/newsletter/entry/5\\_15\\_new-substance-infocards-more-useful-and-transparent-information-on-chemicals](http://newsletter.echa.europa.eu/home/-/newsletter/entry/5_15_new-substance-infocards-more-useful-and-transparent-information-on-chemicals)

Minn InfoCard għal dejta dettaljata mis-sors – Il-pjanijiet tal-ECHA għal komunikazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, Newsletter tal-ECHA 1/2014

[http://newsletter.echa.europa.eu/home/-/newsletter/entry/1\\_14\\_from-an-info-card-to-detailed-source-data](http://newsletter.echa.europa.eu/home/-/newsletter/entry/1_14_from-an-info-card-to-detailed-source-data)

*L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hija Aġenzija regolatorja tal-Unjoni Ewropea li timplimenta r-regolamenti dwar is-sustanzi kimiċi tal-UE. L-ECHA qiegħda taħdem għall-użu mingħajr periklu tas-sustanzi kimiċi, ittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ħarsien tal-ambjent, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività tal-Industrija Ewropea. Aqra aktar:*

<http://echa.europa.eu/>